MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2006

Numru. 782/2000

Il-Pulizija
Spettur Angelo Gafa'
vs
Carmel Flask

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi, li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin :

Approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn mutur overboard tal-marka Evinrude li kien jiswa LM3,500, liema mutur overboard kien jappartjeni lis-socjeta' RLR Limited u persuni ohra u li gie fdat lilu, u cioe' li gie ikkonsenjat lilu mis-socjeta' RLR Limited taht titiolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tieghu lura jew li jsir uzu minnu speicifkat u dan bi ksur ta' l-Artikoli 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-provi kollha li tressqu u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza;

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat kien xtara mutur out board minghand is-socjeta RLR Limited bis-sistema ta’ hire purchase.

Illi l-ftehim in kwistjoni kien sar fis-6 ta’ Lulju 1999. L-imputat ammetta fl-istqarrija tieghu illi huwa kull ma hallas kien depozitu ta’ elfejn lira (LM 2000) u kien qieghed lura fil-pagamenti. L-imputat wiege fl-istqarrija tieghu li jaf illi l-mutur mhuwiex tieghu sa kemm ihallsu kollu. Mistoqsi fejn hu l-mutur illum il-gurnata, u cioe’ meta irrilaxxja l-istqarrija, l-imputat wiegeb li ma jafx ghaliex kienu serquhulu minn l-Isla xi tlett xhur qabel. Mistoqsi jekk kienx ghamel rapport lill-pulizija fuq dan is-serq huwa qal illi ma kienx ghamel ir-rapport ghaliex ma kienx jaf is-serial number tal-mutur, minkejja l-fatt illi s-serial number huwa imnizzel fil-kuntratt li kien iffirma mas-socjeta’ RLR. Huwa qal illi ma jafx jaqra u illi ma kienx gie f’mohhu li jmur bil-kuntratt ghand il-pulizija sabiex jaraw is-serial number huma stess. Mistoqsi ghalfejn ma baqax ihallas il-mutur wiegeb illi ma hallasx ghax ma baqax jaqla flus. L-imputat kien ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu.

Irrizulta illi l-imputat kien iffirma il-kambjali fuq il-bilanc dovut minnu lis-socjeta RLR.

Ikkunsidrat :

Illi sabiex tigi ippruvata l-akkuza ta’ misapproprjazzjoni irid jigi ippruvat illi l-imputat approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuni ohra l-mutur imsemmi; liema mutur gie fdat lilu taht titolu li igib mieghu l-obbligu tar-radd tieghu lura, jew li isir uzu minnu specifikat u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova illi effettivament il-mutur in kwistjoni kien jappartjeni lis-socjeta’ RLR Limited u mhux lill-imputat u dana peress illi l-imputat kien ha dan il-mutur taht hire purchase agreement, ma hallasx l-ammont kollu dovut minnu lis-socjeta’ RLR Limited u ghalhekk il-mutur kien ghadu proprjeta tas-socjeta’ RLR Limited, izda huwa biss dan l-element li gie ippruvat mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz. Ma giex ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputat ikkommetta misapproprazzjoni billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal haddiehor mill-mutur imsemmi u dana billi inverta t-titolu tal-pussess li permezz tieghu gie fdat lilu dan il-mutur billi biegh dan il-mutur lil terzi persuni. Il-Prosekuzzjoni qeghda biss tallega illi l-imputat ghamel hekk. Izda fl-istqarrija tieghu l-imputat cahdu dan kollu u qal illi li gara kien illi l-mutur kien insteraqlu xi tlett xhur qabel. Huwa ma kienx ghamel rapport lill-pulizija.

Illi l-imputat mhu tenut illi jipprova xejn. Effettivament huwa lanqas biss xehed f’dawn il-proceduri. Hija l-Prosekuzzjoni li trid tressaq il-provi kollha sabiex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u dana il-Prosekuzzjoni ma tistax taghmlu b’mera supposizzjonijiet jew allegazzjonijiet. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova illi l-imputat inverta t-titolu tal-pussess billi biegh jew b’xi mod iehor ittrasferixxa bi gwadan ghalih jew ghal terzi il-mutur imsemmi lil terzi persuni. Il-fatt illi l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq din il-prova essenzjali sabiex tipprova il-kaz taghha iwassal bil-fors lil din il-Qorti sabiex filwaqt illi tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova il-kaz taghha tillibera lill-imputat li qieghed jigi misjub mhux hati minn kull imputazzjoni htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------